# Kunsill Lokali - Il-Fgura

## Rapport Annwali Amministrattiv

## Sena 2013

Il-Werrej


| | | |
|---|---|---|
| 1.0 | L-Introduzzjoni tas-Sindku | 1 |
| 2.0 | Il-Kunsill | 2 |
| 3.0 | Il-Finanzi u l- Ħidma tal-Kunsill | 3 |
| 4.0 | Ir-Rapport tal-Awditur u l-'Financial Statements' | 10 |

## 1.0 Introduzzjoni mis-Sindku

Il-Kunsill Lokali tal-Fgura huwa determinat li jkompli jaħdem sabiex mhux biss jilħaq l-aspettattivi tar-residenti tal-Fgura iżda jiżboq l-aspettattivi tal-istess komunita'.

L-ikbar sfida ta' dan il-Kunsill matul is-snin li ġejjin hija li jiżgura li jkompli joffri s-servizzi eżistenti, filwaqt li joffri servizzi oħra ġodda. Preżentament, wieħed mill-akbar żvantaġġi li l-Kunsill jaffaċċja ta' kuljum fl-operat tiegħu, huwa l-uffiċċju amministrattiv li huwa inadekwat, ma huwiex aċċessibbli għal persuni b'diżabilita' fiżika jew anzjani, filwaqt li ċ-ċokon tal-uffiċini preżenti jfixklu l-operat u ma jagħmluhiex possibli li l-Kunsill joffri aktar servizzi lir-residenti tiegħu.

Il-Kunsill ser ikun kapaċi jżid is-servizzi li joffri bl-introduzzjoni taċ-Ċentru Ċiviku fil-lokalita', fejn minbarra li ser joffri post adekwat minn fejn il-Kunsill jopera l-amministrazzjoni tiegħu, ser joffri faċilitajiet ġodda fejn dawn is-servizzi jistgħu jiġu provduti. L-għan ta' dan iċ-ċentru huwa li jservi ta' *one stop shop* għar-residenti tal-Fgura, filwaqt li joffri servizzi diversi inkluż dawk edukattivi, soċjali u kulturali. Il-Kunsill ser ikompli jesplora l-interess tal-aġenziji tal-Gvern u s-settur privat, sabiex joperaw u joffru servizzi minn ġewwa l-istess Ċentru Ċiviku.

Minkejja li l-proġett taċ-Ċentru Ċiviku huwa proġett maġġuri, il-Kunsill ser ikompli b'diversi proġetti u xogħol ieħor għall-ġid tal-lokalita' tal-Fgura.

Dr. Byron Camilleri
Sindku

# 2.0 Il-Kunsill

## 2.1 Introduzzjoni

Il-Kunsill Lokali tal-Fgura, raħal b'popolazzjoni ta' madwar 11,676 ruħ huwa magħmul minn disa' kunsillieri eletti. L-Amministrazzjoni tal-Kunsill, bir-responsabbiltajiet kollha skont l-Att XV tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali, kienet immexxija mis-Segretarju Eżekuttiv bl-assistenza ta' Assistent Prinċipal, żewġ Uffiċjali Eżekuttivi u Skrivana fix-xogħol tal-Uffiċċju.

Biex jgħinu fil-ħidma tiegħu, il-Kunsill jaħtar Kumitati/Sotto Kumitati, bil-għan li jipproponu, jiddiskutu, u jassistu lill-Kunsill fit-tħejjija tal-pjani tiegħu sabiex ikunu mwettqa dawk ir-responsabbiltajiet fdati lill-Kunsill, bħala Gvern Lokali. Il-Kumitat tal-Finanzi, u s-Sotto Kumitati għall-Immaniġġjar u s-Senjalazzjoni tat-traffiku flimkien ma' dak tal-Uffiċċji Amministrattivi l-Ġodda, jitlaqqgħu perjodikament għal dan l-iskop.

## 2.2 Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Kunsill

Bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Marzu nżammu erba' laqgħat. L-attendenza kienet hekk kif murija fit-tabella t'hawn taħt:

| Kunsillieri | Laqgħat | Preżenti | Skużat/a | Assenti | % * |
|---|---|---|---|---|---|
| Is-Sindku Byron Camilleri | 4 | 4 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Viċi Sindku Anthony Degiovanni | 4 | 2 | 1 | 1 | 50% |
| Il-Kunsillier Charles Bonello | 4 | 2 | 2 | 0 | 50% |
| Il-Kunsillier Saviour Camilleri | 4 | 4 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsilliera Rita Cutajar | 4 | 4 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Pierre Dalli | 4 | 4 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Alfred Debono | 4 | 4 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Mark Lombardo | 4 | 4 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Darren Marmara' | 4 | 0 | 2 | 2 | 0% |

Bejn l-1 ta' April u l-31 ta' Diċembru nżammu ħdax-il laqgħa. L-attendenza kienet hekk kif murija fit-tabella t'hawn taħt:

| Kunsillieri | Laqgħat | Preżenti | Skużat | Assenti | % * |
|---|---|---|---|---|---|
| Is-Sindku Byron Camilleri | 11 | 11 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Viċi Sindku Matthew Vella (irreżenja mill-Kunsill fis-26 t'Ottubru 2013) | 9 | 7 | 2 | 0 | 64% |
| Il-Kunsillier Charles Bonello | 11 | 9 | 2 | 0 | 82% |
| Il-Kunsillier Pierre Dalli (Viċi Sindku mit-12 ta' Novembru 2013) | 11 | 10 | 1 | 0 | 91% |
| Il-Kunsilliera Ray Deguara | 11 | 11 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Ryan Ellul | 11 | 9 | 1 | 1 | 82% |
| Il-Kunsillier Mark Lombardo | 11 | 11 | 0 | 0 | 100% |
| Il-Kunsillier Jesmond Zammit | 11 | 10 | 1 | 0 | 91% |
| Il-Kunsillier Rene Zammit | 11 | 11 | 0 | 0 | 100% |

* Persentaġġi bbażati fuq il-laqgħat li għalihom kienu preżenti

# 3.0 Il-Finanzi u l-Ħidma tal-Kunsill

## 3.1 Il-Finanzi tal-Kunsill

(Kull figura msemmija f'din is-sezzjoni tirreferi għall-munita Ewro senjalata bis-simbolu '€')

**ID-DĦUL**

| | | |
|---|---|---|
| L-allokazzjoni annwali għas-sena 2013 kienet ta': | | 514,444 |
| Dħul Supplimentari | | 39,467 |
| Urban Improvement Fund | | 46,910 |
| Delegazzjoni ta' responsabbiltajiet | | - |
| | **Total** | **600,521** |

**Dħul minn Bye-Laws**

| | | |
|---|---|---|
| Permessi relatati ma' kostruzzjoni | | 5,349 |
| Permessi oħra | | 47 |
| Korsis edukattivi | | 230 |
| Kjosks | | - |
| | **Total** | **5,626** |

**Dħul mis-Sistema ta' Infurzar Legali**

| | | |
|---|---|---|
| Kontravenzjonijiet li ġew 'cut off' | | 1,454 |
| Kontravenzjonijiet riċevuti | | 2,694 |
| Sentenced Cases – Accrued income | | (947) |
| Commision mir-Reġjuni | | 6,890 |
| | **Total** | **10,091** |

**Dħul Ġenerali**

| | | |
|---|---|---|
| Ftehim mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) | | - |
| Servizzi Komunitarji | | 104 |
| Attivitajiet Kulturali u Servizzi Komunitarji | | 3,720 |
| Sponsors | | 2,000 |
| Liabilities written off | | (7,589) |
| Joint Committee – Seduti fit-Tribunal | | 3,307 |
| Rifużjoni tal-ispejjeż – Fgura Joint Committee | | 3,473 |
| Attivitajiet sportivi | | 4,559 |
| General Income | | 113 |
| Tariffi tal-midja | | 1,149 |
| Tariffi mid-dokumenti tat-tenders | | 1,200 |
| Rimborsi oħra | | 12,992 |
| Immaniġġjar tal-iskart | | 1,526 |
| | **Total** | **26,554** |

**Id-Dħul Totali għas-sena 2013 kien ta': €642,792**

## L-INFIQ

### Is-Salarji

| | | |
|---|---|---|
| Onorarja tas-Sindku (allowances inklużi) | | 10,055 |
| Allowance lill-Kunsillieri | | 10,715 |
| Segretarju Eżekuttiv (allowances inklużi) | | 30,550 |
| Salarji tal-impjegati | | 67,313 |
| Kontribuzzjonijiet – Sigurta' Soċjali | | 8,173 |
| | **Total** | **126,806** |

### Manutenzjoni u Xogħlijiet

| | | |
|---|---|---|
| Materjal u supplies | | 4,456 |
| Materjal għat-tindif | | 22 |
| Operating cleaning material and supplies | | 1,973 |
| Sundry materials and supplies | | 112 |
| Tiswijiet u manutenzjoni tal-bankini | | 127 |
| Tiswijiet u manutenzjoni ta' toroq | | 12,135 |
| Tiswijiet u manutenzjoni oħrajn | | 1,212 |
| Manutenzjoni Patri Redent Gauci | | - |
| Manutenzjoni Pjazza G Stevens | | - |
| Sinjali tat-traffiku | | 4,237 |
| Bus shelters | | 148 |
| Manutenzjoni ta' tagħmir | | - |
| Sundry repairs | | 208 |
| Marki tat-triq | | 2,700 |
| | **Total** | **27,330** |

### Servizzi kuntrattwali

| | | |
|---|---|---|
| Ġbir ta' skart | | 95,711 |
| Ġbir ta' skart (jinkludi *bins on wheels)* | | 57,528 |
| Ġbir ta' skart goff (jinkludi skips miftuħa) | | 10,735 |
| Knis ta' toroq | | 33,212 |
| Contract Management Fees | | 702 |
| Tindif u manutenzjoni ta' ġonna | | 18,010 |
| Dwal tat-triq | | 11,953 |
| Servizz ta' internet provider | | - |
| Sistema ta' infurzar tal-liġi | | 1,773 |
| | **Total** | **229,624** |

### Amministrazzjoni u Spejjeż oħra

| | | |
|---|---|---|
| Utilitajiet | | 9,878 |
| Uniformijiet | | - |
| Manutenzjoni - Pjazza Reggie Miller | | 378 |

| | |
|---|---|
| Għamara u Tagħmir għall-Uffiċċju | 499 |
| Manutenzjoni tal-vettura | 288 |
| Tiswijiet oħra | 2,909 |
| Manutenzjoni tal-propjeta' tal-Kunsill (Niċeċ) | - |
| Kiri | 11,093 |
| Parteċipazzjoni f'Laqgħat Nazzjonali | 553 |
| Organizzazzjoni Ewropeja | - |
| Stampar | 2,151 |
| Stationery | 4,477 |
| Abbonamenti | |
| Posta | 2,064 |
| Photocopy Agreement | 1,579 |
| Kotba tal-Librerija | - |
| Servizzi oħra tal-uffiċċju | 323 |
| Trasport | 556 |
| Kiri ta' trasport | 248 |
| Fuel | 1,080 |
| Rimborsi oħra | 1,408 |
| Rifużjoni tal-extra services tal-wardens | - |
| Liċenzja ta' vettura bil-mutur | 211 |
| Trasportazzjoni ta' oġġetti | 60 |
| Reklamar | 2,192 |
| Publikazzjonijiet / Newsletters | 2,310 |
| Kiri ta' tagħmir | 1,749 |
| CCTV Cameras | 432 |
| Kiri ta' Ground tal-futbol | 4,664 |
| Assikurazzjoni | 5,223 |
| Tariffi Bankarji | 712 |
| Entertainment | 875 |
| Spejjeż relatati ma' Konferenzi | - |
| Tindif tal-Uffiċċji | 2,418 |
| Żbir ta' siġar | - |
| Servizzi mil-Librara | 4,760 |
| Servizzi Professjonali | 5,679 |
| IT Development Services | 2,206 |
| Servizzi t'Inġiniera | 5,508 |
| Servizz ta' Perit | 624 |
| Servizzi Legali | 1,631 |
| Servizzi Mediċi | 300 |
| Servizzi ta' Accountant | 11,729 |
| Servizzi oħra t'appoġġ | 431 |
| Training | - |
| Organizzazzjoni ta' korsijiet | 4,218 |
| Miżati ta' korsijiet – Taħriġ Lokali | 655 |
| Spejjeż oħra ta' ospitalita' | 15 |
| Attivitajiet Soċjali | 7,968 |

| | | |
|---|---|---|
| Jum il-Fgura | | 2,610 |
| Attivitajiet Kulturali | | 1,952 |
| Attivitajiet Sportivi | | 12,332 |
| Servizzi fil-komunita' | | 2,647 |
| Donazzjonijiet | | - |
| Penalitajiet | | 500 |
| Sundry minor expenses | | 2,151 |
| Assets Disposal Account | | - |
| Amortisation of intangible assets | | 110 |
| Deprezzament | | 98,368 |
| | **Total** | **227,109** |

**Dħul u Spejjeż oħra**

| | | |
|---|---|---|
| Proviżjoni għal debitu dubjuż – Sistema ta' Infurzar Lokali | | 28,799 |
| Proviżjoni għal debitu dubjuż | | 112 |
| | **Total** | **28,911** |

**L-Infiq totali għas-sena 2013 kien ta':** **€ 639,780**

**Tabella Nru. 2** – Tindika d-dħul, l-infiq u s-*surplus*/deficit għas-snin 2013 u 2012, u tikkompara l-figuri.

| | Perċentwal i | SENA | Żieda jew Tnaqqis | Perċentwal i | SENA |
|---|---|---|---|---|---|
| | Total 2013 | 2013 | Fuq is-sena ta' qabel | Total 2012 | 2012 |
| | % | € | € | % | € |
| **Dħul** | | | | | |
| Mill-Gvern | 82.36 | 600,521 | 71,137 | 75.77 | 529,384 |
| Dħul Supplimentari | 5.41 | 39,467 | 31,778 | 1.10 | 7,689 |
| Urban Improvement Funds | 6.43 | 46,910 | 29,609 | 2.48 | 17,301 |
| Delegazzjoni ta' Responsabbiltajiet | 0.00 | 0 | 0 | 0.00 | 0 |
| Minn Bye Laws | 0.77 | 5,626 | -664 | 0.90 | 6,290 |
| Mis-sistema ta' infurzar legali | 1.38 | 10,091 | 4,367 | 0.82 | 5,724 |
| Ġenerali | 3.64 | 26,554 | -105,753 | 18.94 | 132,307 |
| **Total** | **100** | **729,169** | **30,474** | **100** | **698,695** |
| **Infiq** | | | | | |
| Is-Salarji | 19.82 | 126,806 | 9,255 | 16.59 | 117,551 |
| Manutenzjoni u Xogħolijiet | 4.27 | 27,330 | -82,110 | 15.45 | 109,440 |
| Servizzi Kuntrattwali | 35.89 | 229,624 | 12,507 | 30.65 | 217,117 |
| Amministrazzjoni u Spejjeż oħra | 35.50 | 227,109 | -14,967 | 34.17 | 242,076 |
| Dħul u Spejjeż oħra | 4.52 | 28,911 | 6,640 | 3.14 | 22,271 |
| **Total** | **100** | **639,780** | **-68,675** | **100** | **708,455** |
| **Surplus / Deficit** | | 89,389 | 99,149 | | -9,760 |

Matul is-sena 2013 il-Kunsill kellu iktar dħul u nefaq inqas meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Għalkemm id-dħul Ġenerali kien inqas meta mqabbel mas-sena ta' qabel, ġiet reġistrata żieda fid-dħul dovut mill-Urban Improvement Fund u dħul Supplimentari ieħor. Fir-rigward tal-infiq, kien hemm tnaqqis drastiku fir-rigward tal-Manutenzjoni u Xogħolijiet.

Matul is-sena 2012 il-Kunsill irreġistra deficit ta' €9,760, filwaqt li fis-sena 2013 il-Kunsill irreġistra *surplus* ta' €89,389.

## 3.2 Il-Ħidma tal-Kunsill

Matul is-sena kalendarja 2013 saru **15-il laqgħa tal-Kunsill**, li jinkludu laqgħa waħda li saret b'urġenza. Matul dawn il-laqgħat ġew imressqa **226 mozzjoni**.

Intbagħtu mal-**4,884 ittra** u korrispondenza oħra, filwaqt li ġew iproċessati mal-**1535 permess** dwar xogħlijiet varji fil-lokal. Il-permessi kienu jinkludu dawk relatati ma' krejnijiet, *scaffoldings*, attivitajiet, tqegħid ta' skips u tħaffir ta' toroq. Kwalunkwe' ċittadin għandu l-faċilita' li jiġbor diversi applikazzjonijiet mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

### 3.2.1 Ilmenti u Suġġerimenti

Matul is-sena 2013, il-Kunsill irċieva **1659 Ilment u 531 Suġġeriment. 91.26%** tal-ilmenti ġew magħluqa, filwaqt li 8.74% baqgħu ma ġewx solvuti sal-aħħar tas-sena 2013. Dawn il-figuri jixhdu li l-Kunsill jirreġistra bir-reqqa kull ilment li jasallu, għalkemm ikun selettiv fir-reġistrazzjoni ta' ilmenti anonimi. Din is-sistema tgħin lill-Kunsill biex ikun iktar kontabbli fir-rigward tar-residenti u fl-istess waqt ikun jista' jżomm kontroll tal-ilmenti li jkunu għadhom pendenti.

In-numru ta' suġġerimenti naqsu b'122 fuq is-sena ta' qabel (653 suġġerimenti rreġistrati fis-sena 2012). Mill-531 suġġeriment li saru, 78.53% tagħhom ġew milqugħa u implimentati.

In-numru ta' ilmenti fis-sena 2012 kienu jammontaw għal 2076. Dan ifisser li n-numru ta' ilmenti li tressqu fis-sena 2013 tnaqqsu b'417-il ilment. Filwaqt li fis-sena 2012 ġew magħluqa 88.44% tal-ilmenti, fis-sena 2013 ingħalqu 91.26% tal-ilmenti. Dan jimmarka xejra pozittiva fuq is-sena ta' qabel, fejn ġew magħluqa 2.82% iktar tal-ilmenti, fil-perjodu tal-istess sena li sar l-ilment. Il-parti l-kbira tal-ilmenti ġew magħluqa permezz ta' xogħol imwettaq minn ħaddiema tal-Industrial Projects and Services Ltd. (IPSL). Din it-tabella turi dawn il-figuri msemmija fir-rigward tal-ilmenti u s-suġġerimenti għas-sena 2013.

| | Ilmenti | Persentaġġ | Suġġerimenti | Persentaġġ | |
|---|---|---|---|---|---|
| Magħluqa | 1514 | 91.26% | 417 | 78.53% | Magħluqa |
| Pendenti | 145 | 8.74% | 114 | 21.47% | Pendenti |
| Total | 1659 | 100% | 531 | 100% | Total |

### 3.2.2 Kuntatt

Bil-għan li jinżamm kuntatt mar-residenti, l-Kunsill ippubblika **erba' ħarġiet tal-fuljett** intitolat 'Mill-Kunsill'. Permezz ta' dan, il-Kunsill provda informazzjoni dwar il-ħidma li tkun qed issir u kwalunkwe' proġetti u attivitajiet li jkunu maħsuba għall-ġejjieni. Saret ukoll konsultazzjoni mar-residenti dwar soluzzjonijiet li jkunu jistgħu jinstabu f'diversi mkejjen madwar il-lokalita'.

Il-Kuntatt mar-residenti kompla jinżamm ħaj permezz ta' **ħarġiet** li saru fil-Mużew Marittimu fil-Birgu (15 ta' Jannar), il-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta (21 ta' Frar), Casa Rocca Piccola fil-Belt Valletta (28 ta' Mejju), Harbour Cruise fil-portijiet ta' Marsamxett u l-Port il-Kbir (13 ta' Awwissu) u fl-Akkwarju Nazzjonali f'Buġibba (30 ta' Diċembru).

Saru tal-anqas 132 laqgħa li organizza l-Kunsill jew kien parteċipi fihom. Dawn kienu jinkludu laqgħat; tas-Sindki u l-Viċi Sindki; ma' Transport Malta, Awtorita' tad-Djar, Laqgħat Reġjonali – Reġjun Xlokk, mal-Greenpak, mal-Perit u l-Accountant tal-Kunsill, mal-Perit tal-Uffiċini l-Ġodda, mal-Iskola Primarja, mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, mal-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura u ma' diversi kuntratturi u entitajiet oħra.

### 3.2.3 Xogħol ieħor

Il-Kunsill irċieva 7 talbiet **ta'** twaħħil ta' **lampi ġodda**, fejn ħamsa minnhom ġew imwettqa u t-tnejn l-oħra kienu għadhom fi stadju pendenti ma' għeluq is-sena.

Ġew organizzati Korsis Edukattivi li nkludew tagħlim tal-kompjuter (Digital Literacy, Tech Kids), Matematika, Ingliż, u Malti. Il-Kunsill inkoraġġixxa l-Eżerċizzju fiżiku permezz tal-Erobika u attivitajiet fiżiċi għal dawk li għandhom piż żejjed.

Intlaqgħu 3645 talba mir-residenti biex jinġabar Skart Goff (**Bulky Refuse**) minn wara l-bibien tad-djar residenzjali. Dan ifisser żieda ta' 1% fuq is-sena 2012, meta t-talbiet biex jinġabar tali skart ammontaw għal 3605.

Kien hemm 647 resident li ħadu l-**vaċċin tal-influenza**. Dan immarka żieda ta' 26 persuna li wżaw dan is-servizz meta pparagunat mas-sena ta' qabel. Fl-2012 kien hemm 621 persuna li ħadu dan il-vaċċin.
Intefqu €26.50 f'kotba, sabiex il-**librerija** li tinsab biswit l-iskola Primarja tibqa' tkun mgħammra b'kotba li jqanqlu interess għal diversi kategoriji ta' qarrejja. Intefqu wkoll €556.27 f'manutenzjoni għal-librerija.

Il-Kunsill għen ukoll fil-**formazzjoni edukattiva** tal-istudenti minn kulleġġi differenti bil-għan li jesperjenzaw u jitgħallmu dwar il-ħidma tal-Kunsill. Erba' studenti tal-Juniour College bdew jagħmlu l-progett relatat mas-suġġett tas-Systems of Knowledge u temmewh b'suċċess fis-sena 2014. Żewġ studenti mill-Juniour College u student mill-MCAST għamlu xogħol volontarju fil-librerija tal-Fgura. Student mill-MCAST għamel proġett relatat mas-suġġett tal-fotografija u tliet studenti mill-Universita' ta' Malta ġew megħjuna fir-riċerka tagħhom sabiex jagħmlu proġett relatat mas-suġġetti tal-Ġografija, Impatt soċjali fl-implimentazzjoni tat-trasport pubbliku u fuq il-Performance Measurement fil-Kunsilli Lokali Maltin.

### 3.2.4 Jum il-Fgura

Fis-sena 2013, Jum il-Fgura kien mifrux fuq jumejn. Nhar il-Ġimgħa 25 ta' Ottubru, 2013, ittella' kunċert Akustiku u sketches komiċi filwaqt li s-Sur Salvatore Camilleri, lis-Sra Rita Cutajar u s-Sur Alfred Debono ingħataw Ġieħ il-Fgura, filwaqt li s-Sur Francis Abela u s-Sur Joseph C. Attard ingħataw il-midalja ta' 'Ħajr il-Fgura'.

Nhar il-Ħadd 27 ta' Ottubru, 2013, sar korteo bil-parteċipazzjoni tal-għaqdiet tal-Fgura, minn Triq Hompesch lejn il-Knisja Parrokkjali fejn ġiet iċċelebrata l-quddiesa. Wara sar korteo lejn Pjazza Reggie Miller fejn ġiet imtella' il-bandiera tal-lokalita'.

### 3.2.5 Attivitajiet

Bl-għajnuna finanzjarja tal-MEPA, għat-tieni sena konsekuttiva, il-Kunsill organizza attivita' għall-**Car Free Day**, nhar il-Ħadd 22 ta' Settembru 2013. F'dan il-jum Triq Hompesch bejn Triq is-Sur u Triq il-Karmnu, ingħalqet għat-traffiku u ġew prattikati diversi sports, fosthom it-*tug of war* u l-erobika. It-tfal u l-adoloxxenti kellhom l-opportunita' li jagħmlu sports li mhux soltu jkun prattikat, filwaqt li persuni li jużaw is-siġġu tar-roti ħadu sehem fi tlielaq u lagħbu l-logħba tal-baskitboll.

Nhar il-Ġimgħa 8 ta' Frar ġiet organizzata **attivita' Karnivaleska** f'parti minn Vjal iKottoner u f'Wesgħa Kunsill tal-Ewropa fejn attendew bosta skejjel taż-żfin. Matul din l-attivita' tkomplew il-murali mill-artist Justin Bonnici, biswit il-fergħa tal-bank HSBC.

Nhar is-Sibt 2 ta' Marzu 2013 bejn id-9am u s-1pm saret **Open Day** fil-Binja Amministrattiva l-Ġdida tal-Kunsill fi Triq Hompesch, fejn min kien interessat li jattendi seta' jara l-andament tax-xogħol li sar fuq is-sit stess.

### 3.2.6 Xogħolijiet Infrastrutturali

Partijiet minn Triq il-Koppla, Triq San Ġwann ma' Triq Amabile Sisner u Triq il-Merħba ngħataw wiċċ ġdid ta' asfalt. Sar *patching* fl-uċuh tat-toroq fi Vjal Kottoner, Triq is-Sur, Triq San Tumas, Triq il-Kampanella, Triq San Mikiel u Triq Mater Boni Consigli. Filwaqt li saru bankini ġodda fi Triq il-Merħba, Triq il-Koppla u fi Triq il-Karmnu. Sar ukoll *water culvert* fi Vjal Kottoner.

Tlestiet il-fażi tal-kostruzzjoni tal-Uffiċċji Amministrattivi ġodda tal-Kunsill fi Triq Hompesch u sar il-kisi minn barra meħtieġ fuq din il-binja.

### 3.2.7 Konklużjoni

Nagħlaq dan ir-rapport amministrattiv billi nirringrazzja lill-impjegati u lill-ħaddiema tal-Kunsill, tal-kollaborazzjoni tagħhom, għaliex dan ix-xogħol kollu maħsub u pjanat mill-Kunsill seta' jitwettaq biss permezz tal-ħidma tagħhom.

Christopher Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

## 4.0 Ir-Rapport tal-Awditur u l-'Financial Statements'

**Appendiċi 'A'**

Rapport Finanzjarju għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru, 2013